MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 418/2011

**Alf Mizzi & Sons (Maketing) Limited (C 8692)**

**vs**

**Khaled Yassine u Forward Investments Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ is-socjeta' attrici qed titlob li Khaled Yassim u s-socjeta' konvenuta jigu ordnati solidament ihallsuha s-somma ta' elf, erba' mija sitta u sebghin Ewro wiehed u hamsin centezmi (€1,476.51c) bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata. Bl-ispejjes ta' ittra bonarja, ta' mandat ta' qbid u tal-AVVIZ.

**Ra** li wara li ma rnexxilhiex mod'iehor is-socjeta' attrici nnotifikat lis-socjeta' konvenuta permezz tal-affissjonijiet u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Ra** li b'NOTA, miz-zewg konvenuti, il-konvenut Khaled Yassine ta ruhu b'notifikat bl-avviz tat-talba u t-tnejn ammettew it-talbiet attrici "minghajr ebda kondizzjonijiet"

DECIZJONI

It-TRIBUNAL wara li qies dak migjub hawn fuq jghaddi biex jikkundanna liz-zewg konvenuti biex solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici l-*quantum* ta' ta' elf, erba' mija sitta u sebghin Ewro wiehed u hamsin centezmi (€1,476.51c) kif ukoll l-ispejjes l-ohra kif mitluba fl-AVVIZ, inkluzi dawk tal-prezenti kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------